MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 104/2010

**John Portelli bhala mandatarju tal-imsiefer Mario Charles Oliva**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed jitlob korrezzjoni fl-att ta’ zwieg tieghu bin-numru 245/1978 fis-sens li ismu ghandu jaqra Mario Charles Oliva u mhux Mario Cosimo Oliva.

Il-konvenut m’huwiex jopponi ghat-talba (ara risposta a fol. 16).

L-attur qieghed jitlob ukoll li fl-istess certifikat isem ommu jaqra Elizabeth sive Elisa xebba Portelli. F’dan ir-rigward il-konvenut m’huwiex jaqbel ghaliex skond ic-certifikat tat-twelid ta’ l-omm, isimha hu Alice. Jirrizulta li omm l-attur

ghadha hajja u m'ghamlitx kawza biex titlob korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha. Permezz ta' rikors prezentat fis-16 ta' Dicembru 2010 l-attur talab li korrezzjoni fir-rikors guramentat fis-sens li minflok korrezzjoni f'isem omm l-attur, fic-certifikat taz-zwieg issir annotazzjoni li ommu hi maghrufa bhala Elizabeth sive Elisa nee Portelli. Il-konvenut m'huwiex jikkontesta li omm l-attur hi maghrufa b'dan il-mod, pero baqa' jsostni li gialadarba ma ghamlitx korrezzjoni, fic-certifikat taz-zwieg tal-attur isimha ghandu jibqa' dak li hemm fic-certifikat tat-twelid taghha. Dwar ir-rikors prezentat fis-16 ta' Dicembru 2010 il-qorti tilqa' t-talba tal-attur sabiex minflok korrezzjoni ta' isem ommu, issir annotazzjoni sabiex mal-isem Alice jizdied il-kliem *"maghrufa bhala Elizabeth sive Elisa nee Portelli."*. Fl-atti hemm certifikat ta' twelid tal-attur mahrug Victoria, Awstralja (fol. 6) fejn jinghad li ommu jisimha Elizabeth. L-istess fic-certifikat tal-maghmudija tal-attur (fol. 7) fejn hu dikjarat li jisimha Elisa Portelli. Il-qorti mhi tara xejn hazin li fic-certifikat taz-zwieg tal-attur issir annotazzjoni ta' din is-sentenza li qeghda taccetta li omm l-attur hi maghrufa wkoll bl-isem ta' Elizabeth sive Elisa nee Portelli.

**Ghaldaqstant, il-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tiddikjara li isem l-attur hu Mario Charles Oliva u ghalhekk tordna korrezzjoni fl-att taz-zwieg tieghu (numru ta' iskrizzjoni 245) f'dan is-sens.**

**2. Tiddikjara li omm l-attur hi maghrufa wkoll bhala Elizabeth sive Elisa nee Portelli u fic-certifikat taz-zwieg tal-attur tordna li ssir annotazzjoni ta' din il-parti tas-sentenza**.

**Spejjez a karigu tal-attur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------